Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 935/1995/1

**Christopher Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Festa Limited**

**v.**

**David Agius u Stephen Delicata bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Twilight Enterprises Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. F’din il-kawza s-socjeta` Festa Limited (“is-socjeta` attrici” u issa “is-socjeta` appellata”) talbet lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili li tikkundanna lis-socjeta` Twilight Enterprises Limited (“is-socjeta` konvenuta” u issa “is-socjeta` appellanti”) tirrifondilha s-somma ta’ sebgha u erbghin elf tlett mija u disgha u sittin lira (Lm47,369) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta’ hamsin elf lira (Lm50,000) imhallsa mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta bhala depozitu akkont ta’ servizzi illi l-istess socjeta` konvenuta kellha tippresta lis-socjeta` attrici. Il-kawza hija bazata fuq kuntratt datat 16 ta’ Jannar 1992 (Dokument A), kif emendat b’kuntratt iehor li jgib l-istess data (Dokument B), kif ukoll kuntratt iehor datat 20 ta’ Mejju 1993 (Dok C) liema tliet dokumenti gew esebiti mis-socjeta` attrici flimkien mac-citazzjoni odjerna. Fic-citazzjoni taghha, is-socjeta` attrici allegat li s-socjeta` konvenuta ma kenitx ghadha f’posizzjoni li tippresta s-servizzi minnha mweghda, u ghalhekk is-socjeta` attrici talbet lill-ewwel Qorti biex taghti dikjarazzjoni f’dan is-sens. Min-naha l-ohra, s-socjeta` konvenuta kkontestat din l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici, pero` tat eccezzjoni wahda biss cioe` li l-azzjoni attrici kienet intempestiva. L-ammont bilancjali pretiz mis-socjeta` attrici ma jidhirx li gie kkontestat.

2. L-ewwel Qorti ddecidiet din il-kawza b’sentenza moghtija fid-9 ta’ Jannar 2002. Biha l-eccezzjoni msemmija giet michuda u ntlaqghu t-talbiet tas-socjeta` attrici u ghalhekk is-socjeta` konvenuta giet ikkundnnata tirrifondi lis-socjeta` attrici l-imsemmi bilanc ta’ sebgha u erbghin elf tlett mija u disgha u sittin lira (Lm47,369), bl-imghax mitlub.

3. Ghall-ahjar intendiment ta’ din il-kawza sejra tigi riprodotta hawn l-imsemmija sentenza ta’ l-ewwel Qorti, billi din tikkontjeni d-dettalji tat-talbiet tas-socjeta` attrici, il-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta, riassunt bazikament korrett tal-fatti li taw lok ghall-kawza, kif ukoll il-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi l-kawza bil-mod fuq imsemmi. Din is-sentenza tghid hekk:
“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni presentata fit-28 ta’ Gunju 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi b’kuntratt datat 16 ta’ Jannar 1992 hawn anness u markat Dok A, kif emendat b’kuntratt datat 16 ta’ Jannar 1992 hawn anness u markat Dok B, u kuntratt iehor datat 20 ta’ Mejju 1993 Dok C, is-socjeta’ konvenuta bhala operatur tal-Hotel President obbligat ruhha li tipprovdi akkomodazzjoni fil-Hotel President lill-klienti tas-socjeta’ attrici; illi s-socjeta’ attrici hallset bil-quddiem u akkont ta’ din l-akkomodazzjoni hamsin elf lira maltin (LM50,000), pero’ effettivament is-socjeta’ attrici utilizzat biss is-somma ta’ elfejn sitt mija wiehed u teltt liri maltin (LM2,631.00) u ghalhekk baqghu mhux utilizzati s-somma ta’ sebgha u erbghin elf tlett mija disgha u sittin liri (LM47,369) u dana kif ser jigi trattat u ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi s-socjeta’ attrici ricentement saret taf li kien sar ftehim bejn is-socjeta’ konvenuta u terzi fis-sens illi l-gestjoni tal-Hotel President tghaddi f’idejn terzi persuni; illi konsegwentement is-socjeta’ konvenuta m’hix f’posizzjoni li tkompli tonora l-obbligi kollha assunti fl-imsemmi ftehim u ghalhekk hija tenuta li tirrifondi lura l-ammont ta’ LM47,369.

1. tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta m’ghadhiex f’posizzjoni li tonora l-obbligi assunti bil-ftehim ghar-ragunijiet premessi;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Twilight Enterprises Limited sabiex jirrifondu lura lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM47,369 u dana ghar-ragunijiet imsemmija.

“Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi. Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

“Rat in-nota tal-konvenuti presentata fl-24 ta’ Jannar 1996li permezz taghha eccepew:-

1. illi l-azzjoni attrici hija ntempestiva u dana peress illi kif jirrizulta ampjament mid-dokument immarkat ‘C’ u anness mac-citazzjoni, l-obbligi li dahlet ghalihom is-socjeta’ konvenuta favur il-klienti tas-socjeta’ attrici, ghandhom jinghataw sal-wiehed u tlettin (31) ta’ Ottubru 1997.

“Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

“Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tas-sottomissjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

“Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

“Ittrattat il-kawza.

“Ikkunsidrat:-

“In forza ta’ skrittura privata tas-16 ta’ Jannar 1992 is-socjeta’ Twilight Enterprises Limited obbligat ruhha sabiex bhala “operators” futuri tal-Hotel President li dak inhar kien ghadu fi stadju ta’ kostruzzjoni gewwa Triq il-Qalghiet, San Giljan, talloka lis-socjeta’ attrici ghoxrin kamra doppja fl-imsemmi hotel bejn l-1 ta’ Gunju 1992 u l-31 ta’ Mejju 1993. Bhala korrispettiv is-socjeta’ attrici hallset fuq perjodu ta’ zmien, izda qabel ma’ beda jopera l-ftehim, is-somma ta’ hamsin elf lira maltin (LM50,000) liema somma kellha tigi kunsidrata “*as payment in advance and on account for the utilisation by the agent* (is-socjeta’ attrici) *of the rooms mentioned above during the period: 1June 1992 to 31 October 1993.”* Rigward il-perjodu bejn l-1 ta’ Gunju 1993 sal 31 ta’ Ottubru 1993, il-partijiet stipulaw fil-klawsola 8 tal-ftehim, li f’kaz li l-flus imhallsa bil-quddiem mis-socjeta’ attrici ma jkunux intuzaw kollha matul il-perjodu originali, u cioe dak bejn 1 ta’ Gunju 1992 sal-31 ta’ Mejju 1993, kull bilanc rimanenti favur is-socjeta’ attrici, *“shall be considered by the Hotelier as payment by the agent, on account and in advance for business that the agent shall be supplying to the hotelier during the period: 1 June 1993 to 31 October 1993.”*

“Fl-imsemmija skrittura l-partijiet elenkaw l-kondizzjonijiet li kellhom jirregolaw l-provvista tas-servizzi offruti u l-mod tal-pagament li kellu jittiehed mill-ammont imhallas bil-quddiem, kif ukoll l-obbligi reciproci dwar “bookings” u affarijiet simili.

“In forza ta’ ittra tas-socjeta’ konvenuta tal-20 ta’ Mejju 1993, li giet accettata u iffirmata mis-socjeta’ attrici, l-partijiet ftehmu li jestendu l-effetti tal-ftehim tas-16 ta’ Jannar 1992 sal 31 ta’ Ottubru 1997 b’mod li kull bilanc mill-ammont imhallas mis-socjeta’ attrici, mhux utilizzat sal 31 ta’ Ottubru 1993, kellu jigi kunsidrat bhala ‘*payment on account’* ghal xoghol supplit mill-agent.

“Il-ftehim tas-16 ta’ Jannar 1992 kif emendat, kellu li skop ewlieni li jigarantixxi ghas-socjeta’ attrici ‘*kmamar’* gewwa l-Hotel President ghall-akkomodazzjoni tal-klienti tal-istess socjeta’ fuq firxa ta’ snin u dana kontra l-pagament bil quddiem ghal dawn il-kmamar.

“Dan il-ftehim kien ukoll jikkomtempla x’jigri f’cirkostanzi partikolari fejn s-socjeta’ konvenuta tonqos milli twettaq dak li kienet obbligat ruhha li taghmel. L-ewwel ipotesi kienet dik kontemplata fil-klawsola 11 fejn s-socjeta’ attrici kienet awtorizzata titlob lura l-ammont imhallas minnha bl-imghax dekors, kemm-il darba s-socjeta’ konvenuta ma tkunx otteniet l-licenzji necessarji sal 1 ta’ Gunju 1992 minghand l-awtoritajiet kompetenti sabiex topera hotel hawn Malta hotel bil-klassifika ta’ ‘Four Star’ mhux aktar tard minn tletin gurnata wara li jibda fis-sehh il-ftehim.

“Imbaghad fl-eventwalita’ li, fid-dekors tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt, is-socjeta’ konvenuta “*shall at any time be unable to receive any of the agent’s clients, on account of an overbooking situation in the Hotel*<u>*, or for any other reason*</u>*, including the default specified in paragraph 11 above*” s-socjeta’ attrici kellha “***the right***” li takkomoda l-klienti taghha f’hotels ohra “*of the same or higher category, at the expense of the hotelier and without prejudice to any rights he may have at law.”*

"Jidher li l-ftehim beda jigi attwat u ghalhekk dak provdut fl-artikolu 11 fuq imsemmi mhux il-bazi ta' din l-azzjoni. Hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-modalita' tal-ezekuzzjoni billi parti tghid li ma kienetx qed tinghata is-servizz miftiehem u b'hekk it-turisti kellhom jigi ospitati f'lukandi ohra u mhux fil-President Hotel, filwaqt li parti ohra ilmentat li s-socjeta' attrici ma kienetx qed tonora l-obbligi taghha li tibghat numru sufficjenti ta' turisti biex l-ammont imhallas ab initio jigi utilizzat. Izda dawn il-kwistjonijiet, fil-fehma ta' din il-Qorti, huma irrilevanti ghas-soluzzjoni tal-mertu ta' din il-kawza. Infatti d-difiza tas-socjeta' konvenuta ghat-talba attrici hija limitata ghas-semplici kwistjoni ta' intempestivita' ta' l-azzjoni li tezorbita minn kull aspett iehor tal-kwistjoni bejn il-kontendenti. Fil-qosor is-socjeta' konvenuta qed tghid li hi ma ghandhiex thallas ossia tirrifondi l-ammont reklamat billi dak inhar li giet intavolata l-kawza ma kienx ghadu skada it-terminu kontemplat fil-ftehim sussidjaraju tal-20 ta' Mejju 1993 (Dok C fol 10), u fi kwalunkwe kaz hija, minkejja dak li gara kif spjegat hawn taht, kienet u ghadha fil-possibilita' li tonora l-obbligi taghha skond il-ftehim.

"Ma hemmx dubbju li fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u cioe fit-28 ta' Gunju 1995, it-terminu tal-ftehim imsemmi fl-iskrittura tal-20 ta' Mejju 1993 u cioe l-31 ta' Ottubru 1997, ma kienx ghadu skada. Ghalhekk proprjament jidher li prima facie l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha fondament. Izda din l-istanza ma jidhirx li kienet azzjoni kappricuza da parti tas-socjeta' attrici billi t-talba ghar-rifuzjoni tal-ammont imhallas 'on account' saret wara li s-socjeta' konvenuta assenjat id-drittijiet lokatizzji taghha fuq il-President Hotel lill-terza persuna b'mod li ma baqghetx aktar "operator" tal-istess Hotel u konsegwentement skond is-socjeta' attrici din ma setghetx aktar tonora l-obbligi assunti bil-ftehim fuq imsemmi.

"Mill-provi prodotti jirrizulta li b'effett mid-29 ta' Dicembru 1994 il-President Hotel gie mikri lis-socjeta' S.A.R. Hotels Limited, wahda mill-kumpaniji gestiti minn Robert Arrigo u li minn dakinhar s-socjeta' konvenuta ma baqghetx, fil-konfront tal-istess Hotel, la tidher bhala inkwilina u lanqas bhala "*operator*". Issa s-socjeta' attrici ssostni li hija

ikkuntrattat mas-socjeta' konvenuta inkwantu "*operator"* tal-imsemmi Hotel President u mhux xi hotel iehor jew bhala socjeta' interessata fil-provvista ta' akkomodazzjoni ghat-turisti. Infatti jirrizulta li fil-ftehim tas-16 ta' Jannar 1992 is-socjeta' konvenuta specifikatament tidher bhala "*operators of the Hotel President which is-situate in Triq il-Qalghiet, St. Julians, currently under construction."* Inoltre jidher li l-istess ftehim kien ispirat mill-fatt li s-socjeta' attrici kienet tirrapresenta lis-socjeta' Frosch Touristik tal-Germanja li kienet tibghat numru kbir ta' turisti hawn Malta. Bhala konsegwenza tal-allocations ta' kmamar imsemmija l-istess Hotel gie reklamat, flimkien ma hotels ohra f'Malta u Ghawdex, fil-"brochure" tas-socjeta' Frosch Touristik.

"Is-socjeta' konvenuta isostni li dan t-trasferiment tal-lokazzjoni ma biddel xejn mill-ispirtu tal-ftehim tas-16 ta' Jannar 1992. Dana billi hi setghet jew tuzufruwixxi ruhha mid-dritt moghti fl-artikolu 12 tal-ftehim u takkomoda klienti f'hotels ohra u thallas hi, jew issejjah lill-"operator" il-gdid tal-Hotel President cioe l-S.A.R.Hotels Ltd. sabiex jonora l-obbligi taghha rigwardanti "allocations" ma terzi persuni u dan a bazi tal-klawsola numru (8) tal-ftehim tal-20 ta' Awissu 1994 bejn s-socjeta' konvenuta u Dr. Austin Sammut nomine.

"Kif rajna aktar il-fuq il-klawsola numru 12 tikkontempla l-possibilita' li l-Hotelier ma jkunx jista' jakkomoda "*klienti"* tas-socjeta' attrici. Izda mill-qari tal-istess klawsola jidher car li din tirriferi ghan-nuqqas tas-socjeta' konvenuta inkwantu "operator" tal-Hotel imsemmi u mhux ukoll f'kaz li din ma jkollhiex aktar x'taqsam mal-Hotel President. Infatti l-istess klawsola tibda hekk "In the event that the Hotelier shall at any time be unable <u>to receive </u>any of the agent's clients, ....." (emfazi tal-Qorti). Dan ifisser li l-klawsola tiskatta kemm-il darba s-socjeta' konvenuta tkun, anke teoretikament, fil-posizzjoni li tircevi l-klienti tas-socjeta' attrici fl-imsemmi Hotel. Bl-assenjazzjoni tal-lokazzjoni favur terzi s-socjeta' konvenuta tilfet il-kontroll tat-tmexxija tal-Hotel u ghalhekk certament ma setghet qatt tirrifjuta klienti li a priori ma setghet qatt tircevi.

"Il-klawsola numru 8 tal-kuntratt tal-20 ta' Awissu 1994 imsemmija tghid hekk: *"The transferee (eventwalment S.A.R. Hotels Ltd) undertakes to endeavour to honour all contracts existing between the transferor and third parties for allocations in the hotel ..."* Is-socjeta' konvenuta qed tghid li minhbba din l-obbligazzjoni assunta mis-socjeta' S.A.R. Hotels Limited kienet ghadha fil-possibbilita' li tonora l-obblgi taghha skond il-ftehim tas-16 ta' Jannar 1992.

"Hemm nuqqas ta' ftehim dwar l-xi tfisser din il-klawsola jew kemm ghandha applikabilita'. Infatti Robert Arrigo xhed li huwa ma kienx marbut li jonora l-kuntratt precedenti tas-socjeta' konvenuta billi tieghu kienet kirja gdida "a clean cut" jghid hu. Inoltre dan l-istess Arrigo jkompli jghid li fi kwalunkwe kaz il-kuntratt bejn il-kontendenti qatt ma ingieb a konjizzjoni tieghu mis-socjeta' konvenuta u konsewgentement ma setghax jonora obbligazzjoni li ma kienx jaf biha. Naturalment ir-rappresentant tas-socjeta' konvenut jsostni l-kuntrarju. Izda jekk kienx hemm assunzjoni ta' obbligu jew le in forza tal-klawsola imsemmija huwa, fil-konfront tas-socjeta' attrici, ghal kollox irrilevanti. Is-socjeta' attrici ma tissemma bl-ebda mod fil-kuntratt tal-20 ta' Awissu 1994 u lanqas ma ippartecipat fih. Ghalhekk ghas-socjeta' attrici l-obbligazzjoni "*assunta"* mit-terz kienet res inter alios acta u bl-ebda mod ma kienet tohloq xi relazzjoni bejn s-socjeta' attrici u s-socjeta' S.A.R. Hotels Ltd. Inoltre, kif sewwa osserva d-difensur ta' l-attur, kull assenjazzjoni tal-obbligi tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' attrici lill-terza persuna minghajr il-kunsens tal-kreditur ma ghandha ebda effett legali u ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax tistrih fuq l-imsemmija klawsola.

"Illi minn dan kollu jidher li s-socjeta' attrici kienet gustifikata li thossha perturbata mill-fatt li s-socjeta' konvenuta assenjat d-drittijiet lokatizji taghha fuq il-Hotel President lill-terza persuna, billi b'dan il-mod l-istess socjeta' konvenuta ma setghetx tkompli tonora l-obbligi taghha kuntrattati originarjament. L-ammont imhallas inizjalment ghall-"allocations" kien ghalhekk mqieghed fil-perikolu.

“Ikkunsidrat:

“Bil-kuntratt tas-16 ta Jannar 1992, kif sussegwentement emendat, is-socjeta’ konvenuta obbligat ruhha li tipprovdi akkomodazzjoni lill-klienti tas-socjeta’ attrici bi tpacija ghall-ammont imhallas bil-quddiem mill-istess socjeta’ attrici. L-obbligazzjoni tas-socjeta’ attrici kien li thallas certu ammont sa certu zmien. Din l-obbligazzjoni giet ezegwita. L-obbligu tas-socjeta’ konvenuta kien li sal-31 ta’ Ottubru 1997 tipprovdi akkomodazzjoni. Sad-data tal-presentata tac-citazzjoni dan it-terminu kien ghadu ma skadiex. Izda fil-fehma ta’ din il-Qorti u a bazi ta’ dak li inghad aktar il-fuq jidher li s-socjeta’ konvenuta ma tistax, fic-cirkostanzi, titlob izjed il-beneficcju tat-terminu ghall-ezekuzzjoni tal-obbligi taghha u dana billi, bit-trasferiment tal-lokazzjoni tal-Hotel President lill-terza persuna, li stat taghha tbiddel b’mod li l-hlas tal-kreditu lis-socjeta’ attrici ma ghadux aktar fiz-zgur jew tnaqset il-garanzija pattwita. (vide art. 1079 tal-Kap 16).

“Ma giet ppresentata ebda eccezzjoni dwar l-ammont reklamat u ghalhekk ma jidhirx li hem kontestazzjoni f’dan ir-rigward.

“Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tirrifondi lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ u erbghin elf tlett mija disgha u sittin liri maltin (LM47,369) bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-ewwel interpellazzjoni ufficcjali.

“Bl-ispejjes kollha kontra il-konvenut.”

**<u>II L-APPELL</u>**

4. Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza b’rikors prezentat quddiem din il-Qorti fil-25 ta’ Jannar, 2002. Ghar-ragunijiet spjegati fih hija qeghda titlob li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza u, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-appellanti, tichad it-talbiet

attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

5. Is-socjeta` appellata kkontestat l-appell b'risposta pprezentata fit-12 ta' Frar, 2002. F'din ir-risposta hija ressqet il-kummenti taghha ghall-aggravji kontenuti fir-rikors ta' l-appell u filwaqt li rriteniet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, hija talbet lil din il-Qorti li tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Is-socjeta` appellanti ressqet tlett aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata, li jistghu jigu sintetizzati hekk:
1. li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li rrizultaw waqt il-kawza;

2. li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-artikolu tal-ligi relevanti ghall-kaz;

3. li ghalkemm l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-istanza attrici giet ipprezentata *fuori termine* inspjegabbilment ma rrikonoxxietx li s-socjeta` appellanti kellha d-dritt ghall-beneficcju tat-terminu ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligi taghha.

Dawn l-aggravji sejrin jigu trattati mill-Qorti fl-ordni li jinsabu elenkati fir-rikors ta' l-appell.

7. Bl-ewwel aggravju s-socjeta` appellanti qeghda tirritjeni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li rrizultaw waqt il-kawza. Is-socjeta` appellanti ghamlet riferenza ghall-klawsola tmienja tal-kuntratt datat 20 ta' Awissu 1994, esebit bhala dokument RA4 *a fol.* 106 tal-process. Din il-klawsola (ara *fol.* 110) taqra hekk:
"The transferee undertakes to endeavour to honour all contracts existing between the transferor and third parties for allocations in the hotel, and should such transferee not so endeavour and not be in a position to honour such contracts, then this agreement shall be terminated at the option of the trasferor."

Is-socjeta` appellanti tasserixxi illi bis-sahha ta' din il-klawsola s-socjeta` S.A.R. Hotels Limited, wahda mill-kumpaniji gestiti minn Robert Arrigo, assumiet fuqha l-obbligu li tonora l-kuntratt li s-socjeta` appellanti kellha mas-socjeta` appellata.  Ghalhekk, l-allegazzjoni tas-socjeta` appellata li bit-trasferiment tal-gestjoni tal-Hotel President lil Arrigo, is-socjeta` appellanti sfat inabilitata milli tkompli tonora l-obbligi taghha kif johorgu mill-kuntratti bejn il-kontendenti odjerni, tirrizulta ghal kollox minghajr bazi fattwali u anke legali.

8.  Huwa principju assodat fil-gurisprudenza tat-tribunali taghna li din il-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, *a meno che* ma tkunx tirrizulta lil din il-Qorti ta' revizjoni, li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti tkun manifestament zbaljata.  Issa fil-kaz odjern irrizulta sodisfacentement li Arrigo qatt ma kien infurmat bil-ftehim li kien jezisti bejn l-odjerni kontendenti qabel ma gie ffirmat il-kuntratt jew kuntratti li bih il-gestjoni tal-President Hotel ghaddiet ghand Arrigo.  Hija regola bazilari tal-ligi civili li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-*buona fede*. Fl-isfond ta' dan il-principju essenzjali, wiehed isaqsi:  Kif tista` S.A.R. Hotels Limited ragjonevolment titqies li kellha tonora l-obbligi li dahlet fihom is-socjeta` appellanti mas-socjeta` appellata meta dawn l-obbligi qatt ma gew zvelati lil S.A.R. Hotels Limited qabel l-iffirmar tal-ftehim, u meta wisq anqas ma s-socjeta` appellanti dehrilha li kellha, *se mai* tghaddi l-imsemmija somma ta' sebgha u erbghin elf tlett mija disgha u sittin lira (Lm47,369) li s-socjeta` appellanti kienet qed izzomm fejn idejha?  Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel aggravju ghandu jigi skartat ghaliex l-ewwel Qorti kienet sostanzjalment korretta meta kkonkludiet li fic-cirkostanzi tal-kaz, is-socjeta` appellata kienet gustifikata li thossha perturbata bil-fatt li s-socjeta` konvenuta kienet assenjat id-drittijiet lokatizzji taghha fuq il-Hotel President lil terza persuna, billi b'dan il-mod, l-istess socjeta` konvenuta ma setghetx tkompli tonora l-obbligi taghha kontrattwali, bir-rizultat li l-ammont ta' flus

imhallas inizjalment mis-socjeta` attrici kien ghalhekk gie mqieghed fil-periklu.

9. It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti jallega li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni hazina u applikat zbaljatament l-artikolu tal-ligi relevanti ghall-kaz. Hija kkummentat li Artikolu 1079 tal-Kodici Civili kien irrelevanti ghall-kaz u ma jirrizultax lis-socjeta` appellanti b'xi mod naqset il-garanzija kontemplata fl-imsemmija artikolu. Hija ziedet tghid illi ma kienx minnu li t-trasferiment ta' l-operazzjoni tal-Hotel President lil terza persuna, biddel l-istat finanzjarju tas-socjeta` appellanti b'mod illi l-hlas tal-kreditu lis-socjeta` attrici ma baqax sigur jew tnaqset il-garanzija pattwita, kif iddikjarat fl-ewwel Qorti. Is-socjeta` appellanti rreferiet ghall-klawsoli 8 u 12 tal-ftehim, u sahqet li kien johrog car li hija kienet ghadha tista' tonora l-obbligi kontrattwali taghha u bl-ebda mod ma naqqset xi garanzija jew ipperikolat is-servizz li kienet obbligata taghti lis-socjeta` appellata. Is-socjeta` appellanti kompliet tghid illi l-ftehim bejn il-partijiet ma kienx jikkontempla xi hlas ta' xi kreditu izda kien jikkostitwixxi fornitura ta' servizz. Ghalhekk hija rriteniet li kienet ghadha fil-possibilita` li tonora l-obbligi taghha u b'ebda mod ma naqqset il-garanzija jew ipperikolat is-servizz li kienet obbligata taghti lis-socjeta` appellata.

10. L-Artikolu 1079 tal-Kodici Civili jghid hekk:
"Id-debitur ma jkunx jista' jitlob izjed il-beneficcju taz-zmien jekk isir mhux solvibbli, jew jekk l-istat tieghu ikun hekk tbiddel li qieghed fil-perikolu l-hlas tal-kreditu, jew jekk b'ghemilu jkun naqqas il-garanzija illi skond il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew jekk jkunx tah il-garanzija li kien weghdu."

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa evidenti illi fil-kaz odjern id-debitur, u cioe` s-socjeta` appellanti, biddlet l-istat taghha b'mod li ma jistax jigi ragjonevolment ritenut illi hija ma kkompromettietx is-servizz miftiehem u mhallas bil-quddiem mis-socjeta` appellata. Dan ghaliex is-socjeta` appellanti ma ddejqet xejn titrasferixxi il-Hotel President f'idejn terzi persuni, minghajr ma infurmat lill-akkwirent bl-obbligi precizi li kienet assumiet. B'dan it-trasferiment

kien jidher car illi hija ma kienx ser ikollha x'taqsam izjed ma' l-operazzjoni tal-Hotel President. Isegwi allura li hija ma setghetx tiggarantixxi li kienet sejra tibqa' f'posizzjoni li tkun tista' tonora l-obbligi taghha bhala operatur tal-Hotel President mas-socjeta` appellata. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-artikolu gie interpretat u applikat korrettement mill-ewwel Qorti u ghalhekk it-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, wkoll, ghandu jigi skartat.

11. It-tielet aggravju testwalment jghid hekk:
"Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, filwaqt illi rrikonoxxiet illi l-istanza attrici giet prezentata *fuori termine* inspjegabilment, fl-umili fehma ta' l-esponenti, applikat b'mod zbaljat l-Artikolu 1079 tal-Kap. 16. Dan peress illi s-socjeta` appellanti kellha kull dritt illi tinvoka l-beneficcju tat-terminu ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligi taghha kif kienu johorgu mill-kuntratt bejn il-partijiet, peress illi kienet ghadha f'kondizzjoni li tonora dawk l-obbligi."

12. Huwa evidenti illi dan it-tielet aggravju huwa intimament konness mat-tieni aggravju fuq imsemmi u li ghadu kif gie michud. Fil-fehma tal-Qorti, nonostante li f'dan il-kaz id-debitu kien jikkonsisti fl-ghoti ta' servizz, xorta wahda l-Aritkolu 1079 jibqa' relevanti ghall-kaz u gie applikat korrettement mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti hija sodisfatta li bit-trasferiment li sar tal-gestjoni tal-Hotel President lil terzi, is-socjeta` appellanti ppregudikat il-fornitura tas-servizz li hija wahedha obbligat ruhha li tipprovdi lis-socjeta` appellata. Is-socjeta` appellata qatt ma ssemmiet specifikatament fil-kuntratt tat-trasferiment u wisq anqas ippartecipat fih. Irrizulta li s-socjeta` appellata saret taf b'dan it-trasferiment wara li l-imsemmi kuntratt gie ffirmat. B'dan il-ftehim is-socjeta` appellanti tterminat id-dritt taghha li topera l-lukanda Hotel President, liema dritt gie trasferit lil terzi, li lanqas biss gew infurmati bl-ezistenza ta' l-obbligi naxxenti bil-kuntratti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li f'dawn ic-cirkostanzi s-socjeta` appellanti rrendiet ruhha f'kundizzjoni li ma setghetx tibqa' tonora adegwatament l-obbligi assunti minnha *vis-à-vis* is-socjeta` appellata, ghaliex ghandu jigi sottolinejat illi l-ftehim bejn il-

kontendenti kien li l-akkommodazzjoni kellha ssir f'lukanda partikolari cioe` l-Hotel President. L-intendiment bejn il-kontendenti kien l-akkommodazzjoni ssir f'din il-lukanda partikolari li kienet sejra tiftah u ghalhekk kellha l-atrezzi taghha kollha godda. F'dawn ic-cirkostanzi, is-socjeta` appellanti ma setghetx tibqa' tiggwadanja mill-beneficcju tat-terminu ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligi assunti minnha. Inoltre ghandu jinghad li l-ewwel Qorti kienet korretta meta rrimarkat li kull assenjazzjoni ta' l-obbligu tas-socjeta` appellanti fil-konfront tas-socjeta` appellata lil terzi minghajr il-kunsens ta' din ta' l-ahhar, ma kellu ebda effett legali u ghalhekk is-socjeta` appellanti ma tistax tistrieh fuq il-klawsola 8 tal-kuntratt tat-trasferiment tal-lokazzjoni tal-Hotel President. Konsegwentement anke dan it-tielet aggravju ma jisthoqqlux li jigi akkolt minn din il-Qorti.

13. Fit-trattazzjoni orali li saret mill-abbli difensur tas-socjeta` appellanti quddiem din il-Qorti, din is-socjeta` ppruvat twessa' l-kontestazzjoni fil-kawza billi, per ezempju, qajmet il-kwistjoni li fic-citazzjoni ma ntalbitx dikjarazzjoni mill-Qorti dwar it-terminazzjoni jew ix-xoljiment tal-ftehim kontrattwali ezistenti bejn il-kontendenti.

14. Jirrizulta li s-socjeta` appellanti ressqet eccezzjoni unika u cioe` dik ta' l-intempestivita` ta' l-azzjoni attrici. Konsegwentement il-parametri tal-kontestazzjoni fil-kawza odjerna huma ristretti ghal din l-unika eccezzjoni u mhux lecitu ghas-socjeta` appellanti li tipprova twessa' l-imsemmija parametri f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza.

15. Ghal dawn il-motivi, l-appell tas-socjeta` appellanti qed jigi michud, u qeghda tigi kkonfermata fl-interezza kollha taghha s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fid-9 ta' Jannar, 2002.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------